# Il-Vjolenza Domestika

## minn Rachelle Deguara

Din il-ġrajja rrakkuntata titkellem fuq tfajla li mhux tajjeb kienet qiegħda tiġi ttrattata. Hemm xi wħud li magħha setgħu jirrelataw. Mhux xi ħaġa li biha tibqa' skantata, xi ħaġa li ma tistax tkun aċċettata. Tolqtok meta ma tkunx ippreparata. Fejn anqas tkun qed tistenniha, m'għandekx għalfejn qatt tgħix biha.

Mill-identità tkun trid taħrab għax ħajtek tkun qiegħda titfarrak. L-uġigħ mhux fiżikament, wisq agħar mentalment. Il-ħajja bla skop, il-ħajja bla sugu għax l-ebda avveniment ma jnessik dan l-intervent. Id-daqqa tkun kerha u l-għada jkun nesa iżda miegħek tibqa' ġġorr il-kuluri u jekk jistaqsik għaliex bil-buri tidħol ġo djalogu miegħek innifsek. Tispiċċa tirrifletti għat-tajjeb int tkun għamja għax b'nuqqas ta' kontroll fuq ir-rabja. Magħha kien jiżvoga hi tiegħu kienet id-droga

Iżda wara dispjeċut, ma jafx fejn ħa jagħti rasu. L-arja nqatgħetlu, tilef sors imħabbtu bil-mod din warrbitu. Il-mara bdiet tgħix, issa r-raġel limitat. Kuljum iqum indannat, fiex jiżvoga jrid sors ma jistax jaħrab mir-rimors.